# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.1. L-Istorja tas-Salvazzjoni

Il-Bibbja hija sensiela ta' kotba li fiha nsibu l-istorja ta' kif Alla mexa mal-bniedem matul iż-żmien.

1. Fittex u imla:

- F'kemm-il Testment hija maqsuma l-Bibbja?

  ______________________________

- Liema Testment huwa l-ikbar?

  ______________________________

- Kemm fiha kotba l-Bibbja?

  ______________________________

- Kemm hemm Evanġelji?

  ______________________________

- Min kienu l-Evanġelisti?

  ______________________________

- Kemm hemm ittri miktuba mill-Appostli?

  ______________________________

- Min kienu l-Appostli li ħallewlna dawn l-ittri?

  ______________________________

- Lil min kitbuhom?

  ______________________________

- X'insibu fit-Testment il-Qadim.?

  ______________________________

- X'insibu fit-Testment il-Ġdid?

  ______________________________

- Liema Testment huwa l-aktar importanti għalina? Għaliex?

  ______________________________

### AĦSEB U AĦDEM

Iftaħ il-Bibbja fuq liema paġna tkun. Poġġi subgħajk fejn ġie ġie fuq il-paġna li ftaħt u aqra s-sentenza li ssib taħt subgħajk. Aħseb ftit u ara x'tgħidlek din is-sentenza.

______________________________

______________________________

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.2. It-Tqassim fil-Bibbja.

Il-Bibbja hija ktieb jew ġabra ta' kotba li nkitbu minn awturi differenti tul medda twila ta' żmien. Dan wassal biex fiha nsibu diversi stili ta' kitba. Fit-Testment il-Qadim nsibu xi kotba storiċi. Oħrajn huma messaġġi li riedu jwasslu l-profeti lill-Poplu Lhudi f'isem Alla. It-Testment il-Ġdid jiġbor fih l-erba' Evanġeli u diversi ittri miktuba minn Appostli lill-komunitajiet Insara.

### 1. Imla kif meħtieġ.

| ittri, Qadim, ktieb, qabel, Ġdid, twelid, kittieba, messaġġ, Ispirtu s-Santu, |
|---|

Il-Bibbja mhix magħmula biss minn ____________ wieħed, iżda minn numru ta' kotba li ġew miktuba matul is-snin. Fihom hemm tipi differenti ta' kitbiet. Insibu: stejjer, poeżiji, ___________, messaġġi tal-profeti u ħafna aktar. Din il-librerija ta' kotba tinqasam fi tnejn: it-Testment il-_______________ u t-Testment il-_______________. It-Testment il-Qadim huwa dak kollu li ġara __________ ma twieled Ġesù u t-Testment il-Ġdid huwa dak kollu li ġara mat-_________ta' Ġesù u wara. L-ordni tal-kotba mhix l-ordni ta' kif ġew miktuba. Il-______________ ta' dawn il-kotba kollha ġew imnebbħa mill-_____________ biex jiktbu dak li kitbu. Dan kitbuh bil-mod tagħhom u bl-istil tagħhom, imma l-importanti hu li l-______________ wasal għax huma kienu ispirati mill-Ispirtu biex jiktbu dak li kitbu.

**Kont taf li … ?**

- L-ewwel 5 kotba tal-Bibbja jissejħu l-'Pentatewku' u jgħidu li kitibhom Mosè.
- Il-frażi 'La tibżgħux' tinsab miktuba fil-Bibbja għal 365 darba, kemm hemm jiem fis-sena. Tgħid kumbinazzjoni? Jekk kuljum nafdaw f'Alla, m'għandniex minn xiex nibżgħu.
- L-ewwel mistoqsija ta' Alla fil-Bibbja hija, "Adam, Adam fejn int?". Hija mistoqsija li Alla għadu jsaqsi sallum il-ġurnata, kull darba li nintilfu milli nimxu fit-triq tiegħu!

**AĦSEB U AĦDEM**

- L-ewwel kelma tal-Bibbja hija ____________.
- L-aħħar kelma fil-Bibbja hija _________.
- L-itwal ktieb fil-Bibbja huwa l-ktieb _________.

__________ hija l-aktar annimal li jissemma fil-Bibbja.

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.3. Il-Messaġġ t'Alla għalina

Il-kotba tal-istorja ta' Malta ngħożżuhom għax jgħidulna x'ġara meta aħna ma konniex għadna neżistu. Meta naqraw l-istorja ta' pajjiżna nkunu qed nagħmlu dan biex nitgħallmu fuq l-imgħoddi tagħna u ta' missirijietna. Meta naqraw il-Bibbja nkunu qed niskopru l-fidi f'Alla kif nibtet u żviluppat f'nies bħalna u fid-dawl ta' kif irrispondew huma nkunu nistgħu nifhmu Alla kif għadu jitkellem f'ħajjitna llum u tul iż-żmien.

**<u>It-Testment il-Qadim</u>**

It-Testment il-Qadim  hu maqsum f'46 ktieb differenti. Kollha jirrakkontaw l-istorja ta' Alla mal-bniedem sa mill-bidu. Alla huwa ċ-ċentru, imma daqstant ieħor hu l-bniedem li Alla jpoġġieh fiċ-ċentru tal-imħabba tiegħu. Sa mill-ħolqien ta' kollox, Alla jidħol f'din l-istorja tal-bniedem biex isalvah minn dak kollu li jżommu lsir. Fit-Testment il-Qadim tispikka l-iktar il-wiegħda tas-Salvatur. B'hekk Alla, wara li tkellem b'ħafna modi u permezz ta' ħafna nies, fl-aħħar kellimna permezz ta' Ibnu.

**<u>It-Testment il-Ġdid</u>**

Fit-Testment il-Ġdid insibu l-ħajja u l-ħidma ta' Ġesu' sal-mewt u l-qawmien tiegħu kif ukoll it-twelid tal-ewwel komunitajiet ta' dixxipli tiegħu. Dak li kien imwiegħed sa mill-bidu, dik il-Kelma, issa saret laħam, Alla li sar bniedem f'Ġesu'. It-Testment il-Ġdid jirrakkonta t-twelid, il-ħajja, u dak kollu li għamel Ġesu' sakemm ta ħajtu għas-salvazzjoni tagħna u hekk fih seħħet l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha.

1. **Abraham                    Aħdem fi grupp.**

Permezz tal-kotba tal-Bibbja stess jew permezz tal-internet, fittex fil-Kotba Mqaddsa. Sib l-istorja ta' Abram. Niżżel dawk il-punti li jolqtuk f'din il-ġrajja hekk importanti.

**AĦSEB U AĦDEM**

Sib Salm 149. Aqrah,  ikteb vers li jolqtok u ikteb għaliex. Wara aqsmu ma' sħabek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.4. X'qed jgħidilna Alla?

Il-Bibbja hija l-Ktieb li rridu naqraw u nistudjaw biex inkunu nistgħu naraw x'ried jgħid Alla u x'qed jgħidilna llum.

1. Fittex dawn it-tweġibiet:

1. X'kienet l-ewwel ħaġa li ħalaq Alla? ______________________________
2. F'liema ġurnata Alla ħalaq is-siġar u l-pjanti? ______________________________
3. X'kien jismu t-tifel ta' Abraham? ______________________________
4. Min irċieva l-għaxar Kmandamenti mingħand Alla? ______________________________
5. X'jgħidilna l-Ħames Kmandament? ______________________________
6. X'kien jismu ħu Mose? ______________________________
7. Fil-Missierna x'ikel nitolbu lil Alla jagħtina? ______________________________
8. Il-bniedem iħares lejn l-apparenza ta' barra, imma Alla jħares lejn _____ ______________
9. Min hu dak li missieru tah libsa b'ħafna kuluri? ______________________________
10. Min kien mitfugħ fil-fossa mal-iljuni? ______________________________
11. Dan it-tifel qatel raġel qisu ġgant: ______________________________
12. Dan hu l-Iben t'Alla: ______________________________
13. X'kien jisimha Omm Ġesù? ______________________________
14. X'kien ix-xogħol ta' San Ġużepp? ______________________________
15. Kemm kellu Appostli Ġesù? ______________________________
16. Liema Appostlu ttradixxa lil Ġesù? ______________________________
17. X'kien jismu l-baħar li fuqu Ġesù waqqaf it-tempesta? ______________________________

**AĦSEB U AĦDEM**

San Ġużepp kien il-missier puttattiv ta' Ġesù. Għal xiex l-aktar li hu magħruf u ammirat dan il-qaddis kbir?

______________________________________________________________

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.5 Kif nużaw il-Bibbja

Il-Bibbja trid tkun taf tużaha biex tkun tista' ssib il-ġrajjiet. Fiha ssib il-kapi, il-versi, kif ukoll in-noti fin-naħa t'isfel.

### Aħdem fi grupp

1. Sib u ikteb dawn il-versi mill-Bibbja :

- Ġenesi 1,27: ______________________________
- Salmi 113,2: ______________________________
- Mattew 19,14: ______________________________
- Atti, 9,4: ______________________________

### AĦSEB U AĦDEM

Agħżel vers milli sibt u li għoġbok u ara ftit x'qed jgħidlek dan il-vers llum.

______________________________

______________________________

______________________________

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.6 Storja ta' Mħabba

**Il-Bibbja fiha dak li ried iwasslilna Alla Missierna li jħobbna tassew. Għalhekk nistgħu ngħidu li hija storja ta' mħabba għalina lkoll.**

1. Kieku xi ħadd mill-familja tiegħek kellu jmur jgħix ġo pajjiż 'il bogħod, x'tagħmel biex tkun tista' tibqa' tikkommunika miegħu?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Lil Alla ma narawhx. Imma b'xi mod irridu nkunu nafu x'qed jgħidilna. Ġesu ġie fid-dinja, għallem u fejjaq u wera b'ħafna modi l-imħabba ta' Alla għalina. Imma kif xorta nistgħu nikkommunikaw miegħu?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Poġġi l-kliem wara xulxin biex jagħmlu sens u wara ikteb is-sentenza fil-linji pprovduti u ara x'qed tgħidilna :

   JEW KULJUM NISIMGĦU L-KELMA IL-BIBBJA BILLI ALLA TA' FIL-QUDDIESA NAQRAW

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Il-Bibbja qisha ittra twila miktuba minn Alla għalina. Ittra ta' mħabba! Fiha hemm stejjer li nistgħu nitgħallmu minnhom. Jekk ikollna xi ġurnata ħażina, il-Bibbja tista' tgħinna wkoll. Hemm ħafna versi li jgħinuna nħossuna aħjar u hemm ħafna aktar versi li juruna kemm Alla jħobbna.

Fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd naqraw u nisimgħu erba' biċċiet qari mill-Bibbja. Dawn ikunu meħudin mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid.

L-ewwel Qari: normalment mit-Testment il-Qadim.

Is-Salm Responsorjali: normalment mis-Salmi li nsibu fit-Testment il-Qadim.

It-Tieni Qari: mit-Testment il-Ġdid, silta minn xi ittra jew mill-Atti tal-Appostli.

L-Evanġelju: silta minn wieħed mill-erba' Evanġelji (mit-Testment il-Ġdid).

Ġesu qalilna li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla. Mela qed jagħtina garanzija li jekk naqraw il-Bibbja, ser ngħixu ħajja kif jixtieqna hu.

5. **Niżżel hawnhekk il-qari tal-Ħadd li ġej u ipprova ifhem Alla x'qed jgħid illum:**

L-Ewwel Qari:

___

Is-Salm Responsorjali:

___

It-Tieni Qari:

___

L-Evanġelju:

___

**AĦSEB U AĦDEM**

Meta persuna tagħmillek xi ħaġa tajba tħoss ċerta gratitudni lejha. X'tgħinek tagħmel il-gratitudni?

___

___

Xi tħoss li għandek tgħidlu lil Ġesù biex turi gratitudni lejh?

___

___

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.7 Il-postijiet u l-ġrajjiet

Fil-Bibbja jissemmew postijiet li huma importanti għaliex fihom seħħew ġrajjiet kbar.

### 1. X'ġara?

**Fejn kull post, ikteb xi ħaġa importanti li ġrat .**




Ġerusalemm




Nażaret




Betlem













## AĦSEB U AĦDEM

Għandek xi spazju partikulari d-dar fejn tista' toqgħod ftit fis-skiet u tirrifletti?

# Kap 2. Il-Bibbja

## 2.8 Naraw x'tgħallimna!

**Illum il-Bibbja li hija għal kull bniedem, tinsab f'idejn kulħadd. Anke t-tfal illum għandhom il-Bibbja addattata għalihom biex jistgħu jifhmuha aħjar!**

Li nużaw Bibbja tat-tfal hu tajjeb, imma issa li qegħdin nikbru, tajjeb li nsiru midħla xi ftit mal-Bibbja propja. Nistgħu bil-għajnuna ta' xi ħadd kbir insibu xi storja ħafifa u naqrawha flimkien. Importanti li minn issa nsiru familjari mal-Bibbja li tista' tkun tassew il-Kelma t'Alla li takkumpanjana f'ħajjitna u f'kull esperjenza li ngħaddu minnha. Jekk inkunu familjari magħha allura se nitgħallmu nużawha u ma jkunx diffiċli nifhmuha. Imma jekk ma nkunux familjari magħha jkun diffiċli nfittxuha u nifhmuha meta tassew ikollna bżonnha.

Fil-Bibbja Alla jitkellem għal kulħadd, mhux għall-kbar biss. Fil-Bibbja stess hemm ħafna tfal imsemmija, li kienu importanti għaliex Alla tkellem permezz tagħhom. Ma kinux xi tfal speċjali aktar minna. Kienu tfal normali u jgħixu l-ħajja sempliċi ta' dak iż-żmien. Uħud minn dawn it-tfal kienu Iżakk, Iżmael, Ġużeppi, Mosé, Samwel, David, Josija, it-tifel li offra l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, it-tifla ta' Ġajru, it-tfal li Ġesù laqagħhom għandu. Hemm ukoll it-tfajjel Ġesù.

Dawn huma tfal li kollha jissemmew fil-Bibbja. **X'taħseb li kont tikteb taħt kull stampa?**

| David | It-tifla ta' Ġajru | It-tifel li offra l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet | Ġesù u t-tfal |
|---|---|---|---|
| ______________<br>______________<br>______________<br>______________ | ______________<br>______________<br>______________<br>______________ | ______________<br>______________<br>______________<br>______________ | ______________<br>______________<br>______________<br>______________ |

**AĦSEB U AĦDEM**

Immaġina li int t-tfajjel Samwel jew it-tifla ta' Ġajru . Kieku kellek tgħaddi messaġġ dwar l-esperjenza tiegħek, x'kont tgħid? Aqsam li tikteb ma' sħabek.

Jien

L-esperjenza tiegħi: